SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

5 ta' Mejju 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 20 TFUE – Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu – Talba għal permess ta' residenza ta' membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz – Ċaħda – Obbligu għaċ-ċittadin tal-Unjoni li jkollu riżorsi suffiċjenti – Obbligu tal-konjuġi li jgħixu flimkien – Wild minuri, ċittadin tal-Unjoni – Leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali – Tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni – Privazzjoni"

Fil-Kawżi magħquda C-451/19 u C-532/19,

li għandha bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Castilla-La Mancha, Spanja), permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' April 2019 u tas-17 ta' Ġunju 2019, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Ġunju 2019 u fil-11 ta' Lulju 2019 rispettivament, fil-proċeduri

Subdelegación del Gobierno en Toledo

vs

XU (C-451/19),

QP (C-532/19),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tal-Awla, S. Rodin, J.-C. Bonichot, L. S. Rossi u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Spanjol, inizjalment minn J. Ruiz Sánchez u S. Jiménez García, sussegwentement minn M. J. Ruiz Sánchez, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Baquero Cruz u E. Montaguti, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta ta* 13 ta' Jannar 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn is-Subdelegación del Gobierno en Toledo (is-Subdelegazzjoni tal-Gvern ta' Toledo, Spanja) (iktar 'il quddiem is-"Subdelegazzjoni") u XU u QP rispettivament dwar iċ-ċaħda, mis-Subdelegazzjoni, tat-talbiet għall-kisba, favur XU u QP, ta' permess ta' residenza bħala membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224) jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

c) 'sponsor' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod legalment fi Stat Membru u li japplika jew il-membri tal-familja tiegħu japplikaw għal riunifikazzjoni tal-familja biex jingħaqdu miegħu/magħha;

[…]"

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika fejn l-isponsor għandu permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru għal perjodu ta' validita ta' sena jew iktar li għandu prospetti raġonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti, jekk il-membri tal-familja tiegħu jew tagħha huma ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' status ikun xi jkun.

[…]

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni".

[…]"

5 Skont l-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul u r-residenza, skont din id-Direttiva u suġġetti għal konformita mal-kondizzjonijiet preskritti fil-Kapitolu IV, kif ukoll l-Artikolu 16, tal-membri tal-familja li ġejjin:

[…]

(ċ) it-tfal minorenni inklużu tfal adottati ta' l-isponsor fejn l-isponsor għandu l-kustodja u t-tfal huma dipendenti fuqu jew fuqha. Stati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-riunifikazzjoni ta' tfal li l-kustodja tagħhom hija maqsuma (hija r-reponsabbilita ta' iktar minn persuna waħda), sakemm il-parti l-oħra li għandha sehem fil-kustodja tkun tat il-ftehim (qbil) tiegħu jew tagħha;

[…]"

Id-dritt Spanjol

6 L-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jipprevedi:

"1. Ir-raġel u l-mara għandhom id-dritt li jiżżewġu f'ugwaljanza legali sħiħa.

2. Il-liġi għandha tirregola l-forom taż-żwieġ, l-età u l-kapaċità għaż-żwieġ, id-drittijiet u d-doveri tal-konjuġi, il-kawżi ta' separazzjoni u ta' xoljiment u l-effetti tagħhom"

7 L-Artikolu 68 tal-Código Civil (il-Kodiċi Ċivili) jipprevedi:

"Il-konjuġi għandhom jgħixu flimkien, huma għandhom ikunu ta' lealtà u assistenza reċiproka. Barra minn hekk, huma għandhom jaqsmu r-responsabbiltajiet domestiċi kif ukoll il-kura tal-axxendenti u tad-dixxendenti u tal-persuni l-oħra dipendenti fuqhom."

8 L-Artikolu 70 ta' dan il-kodiċi jistabbilixxi:

"Il-konjuġi għandhom jistabbilixxu bi ftehim komuni l-post tad-domiċilju konjugali u, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-qorti, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-interess tal-familja"

9 Skont l-Artikolu 110 tal-imsemmi kodiċi:

"Il-missier u l-omm, anki jekk ma jeżerċitawx l-awtorità tal-ġenituri, huma obbligati jieħdu ħsieb l-ulied minuri tagħhom u għandhom jagħtuhom manteniment."

10 L-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili jgħid dan li ġej:

"Il-minuri mhux emanċipati huma suġġetti għall-awtorità parentali tal-ġenituri.

[…]"

11 L-Artikolu 1 tar-Real Decreto 240/2007, sobre entrada, libre circulación y residencia en España de ciudadanos de los Estados miembros de la Unión Europea y de otros Estados parte en el Acuerdo sobre el Espacio Económico Europeo (id-Digriet Irjali Nru 240/2007 dwar id-Dħul, il-Libertà ta'

Moviment u r-Residenza fi Spanja taċ-Ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati l-Oħra li Huma Partijiet fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea), tas-16 ta' Frar 2007 (BOE Nru 51, tat-28 ta' Frar, 2007), fil-verżjoni applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem "Digriet Irjali 240/2007"), tipprevedi:

"1. Dan id-Digriet Irjali jirregola l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' dħul u ta' ħruġ, ta' moviment liberu, ta' residenza, ta' residenza permanenti u ta' xogħol fi Spanja għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati l-oħra li huma partijiet fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll il-limiti tad-drittijiet imsemmija iktar 'il fuq għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika.

2. Il-kontenut ta' dan id-digriet irjali huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet speċjali u tat-trattati internazzjonali li r-Renju ta' Spanja huwa parti fihom."

12 L-Artikolu 2 ta' dan id-Digriet Irjali jipprevedi li:

"Dan id-digriet irjali japplika wkoll, fit-termini stabbiliti fih, għall-membri tal-familja ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta dawn jakkumpanjawh jew jingħaqdu miegħu, u li huma dawn li ġejjin:

a) il-konjuġi, sakemm ma jkun hemm l-ebda ftehim jew dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ, divorzju jew separazzjoni legali.

[…]

c) id-dixxendenti diretti tiegħu, kif ukoll dawk tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, li għandhom inqas minn 21 sena jew li jaqbżu din l-età u li huma dipendenti fuqu jew li ma humiex kapaċi, sakemm ma jkunx hemm ftehim jew dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ, divorzju jew separazzjoni legali jew sakemm ir-reġistrazzjoni tas-sħubija ma tkunx ġiet annullata;

[…]"

13 Skont l-Artikolu 7 tal-imsemmi Digriet Irjali:

"1. Kull ċittadin tal-Unjoni jew ċittadin ta' Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għandu d-dritt ta' residenza fit-territorju tal-Istat Spanjol għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur:

[…]

b) jekk ikollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu sabiex ma jkunx ta' piż fuq is-sistema ta' għajnuna soċjali ta' Spanja matul il-perijodu ta' residenza tiegħu, u jkollu assigurazzjoni tal-mard komprensiva fi Spanja; jew,

[…]

d) jekk huwa membru tal-familja li qiegħed jakkumpanja jew li ser jingħaqad ma' ċittadin tal-Unjoni jew ta' Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jissodisfa huwa stess il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c).

2. Id-dritt ta' residenza previst fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru, meta jakkumpanjaw jew jingħaqdu fi Spanja maċ-ċittadin tal-Unjoni jew ta' Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, sakemm dan iċ-ċittadin jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(a), (b) jew (c).

[…]

7. Fir-rigward tal-mezzi ta' għajxien suffiċjenti, ma jistax jiġi stabbilit ammont fiss, u għandha tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali taċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istat l-ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. F'kull każ, dan l-ammont ma jistax ikun ogħla mil-livell ta' riżorsi finanzjarji li taħtu l-Ispanjoli jirċievu assistenza soċjali, jew mill-ammont tal-pensjoni minima tas-sigurtà soċjali."

14 L-Artikolu 8(1) ta' dan l-istess digriet irjali jipprevedi:

"Il-membri tal-familja ta' ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan id-Digriet Irjali, li ma humiex ċittadini ta' wieħed minn dawn l-Istati jistgħu, meta jakkumpanjaw lil dan tal-aħħar jew jingħaqdu miegħu, jirrisjedu fi Spanja għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur, u huma suġġetti għall-obbligu li jitolbu u jiksbu 'permess ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Kawża C-451/19

15 XU, ta' nazzjonalità Venezweljana, twieled fid-19 ta' Settembru 2001, fil-Venezwela. Omm XU, ċittadina Venezweljana, hija detentriċi ta' Tarjeta de residencia Comunitaria (Karta ta' Residenza Komunitarja) u ilha tgħix mal-wild tagħha fi Spanja mill-2004.

16 Fl-20 ta' Jannar 2011, Imħallef tal-familja tal-Venezwela taha l-kustodja esklużiva tagħha.

17 Fis-6 ta' Settembru 2014, omm XU żżewġet, f'El Viso de San Juan (Spanja), ċittadin Spanjol li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu fi ħdan l-Unjoni.

18 Il-konjuġi jgħixu flimkien f'El Viso de San Juan mit-12 ta' Diċembru 2008. Fl-24 ta' Lulju 2009, twieled wild, ta' ċittadinanza Spanjola, mill-unjoni tagħhom.

19 Fit-28 ta' Settembru 2015, il-missier putattiv ta' XU ppreżenta applikazzjoni sabiex jikseb, għall-benefiċċju ta' XU, permess ta' residenza temporanja ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, skont l-Artikolu 2(c) tad-Digriet Irjali 240/2007.

20 Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda minħabba li l-missier putattiv ta' XU ma kienx stabbilixxa li huwa kellu, kif jeżiġi l-Artikolu 7 tad-Digriet Irjali 240/2007, riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu. Kienet biss is-sitwazzjoni ekonomika tal-konjuġi ta' XU li ttieħdet inkunsiderazzjoni.

21 Fit-28 ta' Jannar 2016, is-Subdelegazzjoni kkonfermat iċ-ċaħda tat-talba mressqa mill-missier putattiv ta' XU. Dan il-missier putattiv ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo Nru 1 de Toledo (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali Nru 1 ta' Toledo, Spanja).

22 Dik il-qorti laqgħet dan ir-rikors billi qieset li l-Artikolu 7 tad-Digriet Irjali 240/2007 ma kienx applikabbli f'dan il-każ, peress li l-missier putattiv ta' XU qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu fi ħdan l-Unjoni.

23 Is-Subdelegazzjoni appellat mis-sentenza mogħtija mill-imsemmija qorti quddiem il-qorti tar-rinviju.

24 Din il-qorti tenfasizza li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) iddeċidiet, fis-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2010, li d-Digriet Irjali 240/2007 japplika għaċ-ċittadini Spanjoli, irrispettivament minn jekk dawn eżerċitawx jew le l-libertà ta' moviment tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom, ċittadini ta' pajjiżi terzi.

25 Hija tistaqsi dwar jekk l-Artikolu 20 TFUE jipprekludix il-prassi Spanjola li timponi fuq iċ-ċittadin Spanjol li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu ġewwa l-Unjoni u li jixtieq jikseb permess ta' residenza għall-wild, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' martu, li hija stess hija ċittadina ta' pajjiż terz u li għandu l-kustodja esklużiva tiegħu, li jipproduċi l-prova li huwa għandu riżorsi finanzjarji suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu sabiex ma ssirx piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali u assigurazzjoni li tkopri r-riskji tas-saħħa. Hija tirrileva, b'mod iktar partikolari, li dan ir-rekwiżit sistematiku, mingħajr il-possibbiltà ta' adattament għal sitwazzjonijiet partikolari, jista' jmur kontra dan l-Artikolu 20 jekk iwassal sabiex dan iċ-ċittadin Spanjol ikollu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni.

26 Issa, il-qorti tar-rinviju tqis li dan jista' jkun il-każ fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Spanjola applikabbli għaż-żwieġ. Fil-fatt, din tenfasizza li d-dritt għal ħajja flimkien jirriżulta mill-kontenut minimu tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Barra minn hekk, l-Artikoli 68 u 70 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdu li l-konjuġi għandhom jgħixu flimkien, għandhom ikunu ta' lealtà u assistenza u jistabbilixxu bi ftehim komuni l-post tad-domiċilju konjugali. L-obbligu għall-konjuġi li jgħixu flimkien, skont id-dritt Spanjol, huwa differenti minn sempliċi deċiżjoni ta' opportunità jew ta' konvenjenza.

27 Skont il-qorti tar-rinviju, jista' ma jkunx possibbli li jiġu osservati dawn l-obbligi jekk ir-residenza legali tal-wild minuri tal-konjuġi taċ-ċittadin Spanjol, meta jkunu ċittadini ta' pajjiż terz, kienet tiddependi fuq kriterji ekonomiċi. Ir-rifjut li jingħata d-dritt ta' residenza lil XU jimponi fuq il-missier putattiv tiegħu li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni mal-konjuġi tiegħu, bħala l-uniku mod kif jiġi osservat l-obbligu ta' koabitazzjoni tal-konjuġi previst mid-dritt nazzjonali. Sabiex wieħed jasal għal din il-konklużjoni, ma huwiex neċessarju li jkun ġudizzjarjament possibbli li l-konjuġi jiġu mġiegħla jgħixu flimkien.

28 Barra minn hekk, il-ħruġ ta' XU u ta' ommu mit-territorju tal-Unjoni jimponi mhux biss lill-konjuġi tagħha, iżda wkoll fuq il-wild minuri, ċittadin Spanjol li jkun twieled miż-żwieġ tagħhom, fil-fatt, li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, sabiex, skont l-Artikoli 110 u 154 tal-Kodiċi Ċivili, il-ġenituri jkunu jistgħu jeżerċitaw konġuntament is-setgħa parentali tagħhom fuq il-wild tagħhom u jissodisfaw l-obbligu ta' manteniment tagħhom.

29 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li, fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 20 TFUE huwa miksur mill-prassi Spanjola li tikkonsisti fir-rifjut awtomatiku tar-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż terz ma' ċittadin Spanjol li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, għar-raġuni biss li dan tal-aħħar ma għandux riżorsi suffiċjenti, mingħajr ma l-awtoritajiet ikunu eżaminaw jekk, bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u ċ-ċittadin tal-pajjiż terz, teżistix relazzjoni ta' dipendenza ta' natura tali li, f'każ ta' rifjut ta' għoti lil dan tal-aħħar ta' dritt ta' residenza dderivat, l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun, minħabba dan il-fatt, imġiegħel li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu.

30 Il-qorti tar-rinviju tqis li s-Subdelegazzjoni rrifjutat il-karta ta' residenza lil XU għas-sempliċi raġuni li l-konjuġi ta' ommu ma kellux riżorsi suffiċjenti, mingħajr ma eżamina ċ-ċirkustanzi partikolari taż-żwieġ inkwistjoni, li juru integrazzjoni professjonali u integrazzjoni qawwija fi Spanja tal-membri kollha tal-familja, b'mod partikolari ta' XU, li ilu jirrisjedi għal żmien twil fit-territorju Spanjol fejn huwa jmur l-iskola.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Castilla-La Mancha) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Fid-dawl tal-Artikolu 68 tal-Kodiċi Ċivili Spanjol li jipprovdi li l-konjuġi għandhom jgħixu flimkien, l-obbligu impost fuq ċittadin Spanjol li ma eżerċitax id-dritt tiegħu ta' moviment, li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Real Decreto 240/2007, sabiex jiġi rrikonoxxut id-dritt ta' residenza tal-wild minuri ta' Stat terz, skont l-Artikolu 7(2) tar-Real Decreto, jista' jimplika, f'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfatti, li hemm ksur tal-Artikolu 20 [TFUE] jekk, b'konsegwenza tar-rifjut ta' dan id-dritt, iċ-ċittadin Spanjol jkun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu.

2) Fi kwalunkwe każ, indipendentement mis-suespost u mir-risposta għad-domanda preċedenti, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fosthom, *inter alia*, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, C-82/16, KA *et* vs Belgische Staat, l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi l-prassi tal-Istat Spanjol li tikkonsisti fl-applikazzjoni awtomatika tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Real Decreto 240/2007, billi tirrifjuta l-permess ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz, wild minuri ta' Stat terz, tal-konjugu ta' Stat terz ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu, sempliċiment u esklużivament peress li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu, mingħajr ma twettaq eżami konkret u individwali tal-kwistjoni dwar jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' natura tali li, għal xi raġuni tkun xi tkun u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, twassal sabiex f'każ ta' rifjut tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkunx jista' jissepara ruħu mill-membru tal-familja li huwa jiddependi fuqu u jkun obbligat li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni? U dan iktar u iktar meta iċ-ċittadin Spanjol u martu minn stat terz huma l-ġenituri ta' wild minuri Spanjol li jista' bl-istess mod isib ruħu obbligat li jitlaq mit-territorju Spanjol biex isegwi l-ġenituri tiegħu?mill-membru tal-familja li huwa jiddependi fuqu u jkun obbligat li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni? U dan iktar u iktar meta iċ-ċittadin Spanjol u martu minn stat terz huma l-ġenituri ta' wild minuri Spanjol li jista' bl-istess mod isib ruħu obbligat li jitlaq mit-territorju Spanjol biex isegwi l-ġenituri tiegħu?"

Kawża C-532/19

32 Fil-25 ta' Settembru 2015, QP, ċittadin Peruvjan, iżżewweġ ċittadina Spanjola li qatt ma eżerċitat il-libertà ta' moviment tagħha fi ħdan l-Unjoni. QP u martu huma ġenituri ta' tifla, ta' nazzjonalità Spanjola, imwielda fil-11 ta' Awwissu 2012.

33 Fit-2 ta' Ottubru 2015, QP ippreżenta applikazzjoni għall-kisba ta' permess ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea, billi hemeż, fost oħrajn, il-kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat ta' martu kif ukoll diversi skedi tas-salarju.

34 Matul l-investigazzjoni tal-fajl, is-Subdelegazzjoni fakkret l-eżistenza ta' tliet kundanni kriminali adottati kontra QP, datati 7 ta' Settembru 2010, 25 ta' Ottubru 2010 u 16 ta' Novembru 2016, l-ewwel u t-tielet waħda minħabba sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan kif ukoll it-tieni waħda minħabba sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, kif għamel.

35 Fl-14 ta' Diċembru 2015, it-talba ta' QP ġiet miċħuda mis-Subdelegazzjoni minħabba li ma kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Digriet Irjali 240/2007, peress li l-persuna kkonċernata kellu rekord kriminali fi Spanja u l-konjuġi tiegħu ma kellhiex, għaliha nnifisha u għall-membri tal-familja tagħha, riżorsi finanzjarji suffiċjenti. Huwa biss id-dħul tal-konjuġi ta' QP li ttieħed inkunsiderazzjoni mis-Subdelegazzjoni.

36 Fl-1 ta' Frar 2016, is-Subdelegazzjoni kkonfermat iċ-ċaħda tat-talba mressqa minn QP. Dan tal-aħħar ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo no 2 de Toledo (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali Nru 2 ta' Toledo, Spanja) li laqgħet ir-rikors tiegħu.

37 Is-Subdelegazzjoni appellat mis-sentenza mogħtija minn din il-qorti quddiem il-qorti tar-rinviju.

38 Din il-qorti tenfasizza li r-rifjut li jingħata dritt ta' residenza lil QP jobbliga lill-konjuġi tagħha titlaq mit-territorju tal-Unjoni peress li dan huwa l-uniku mod kif isir effettiv id-dritt u l-obbligu ta' ħajja flimkien stabbiliti mid-dritt Spanjol.

39 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li s-Subdelegazzjoni ċaħdet t-talba ta' QP, biss minħabba li l-konjuġi tiegħu ma kellhiex riżorsi suffiċjenti, mingħajr ma eżaminaw iċ-ċirkustanzi partikolari taż-żwieġ inkwistjoni. L-Istat Spanjol jibbaża ruħu esklużivament u awtomatikament fuq l-insuffiċjenza tal-mezzi ta' għajxien proprji taċ-ċittadin Spanjol sabiex jirrifjuta li jagħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz permess ta' residenza bħala membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li, bħala tali, jista' jkollu jitqies bħala prattika li tmur kontra l-Artikolu 20 TFUE.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Castilla-La Mancha) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Fid-dawl tal-Artikolu 68 tal-Kodiċi Ċivili Spanjol li jipprovdi li l-konjuġi għandhom jgħixu flimkien, l-obbligu impost fuq ċittadin Spanjol li ma eżerċitax id-dritt tiegħu ta' moviment, li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Real Decreto 240/2007, sabiex jiġi rrikonoxxut id-dritt ta' residenza tal-konjuġi tiegħu ċittadin ta' Stat terz, skont l-Artikolu 7(2)

tar-Real Decreto, jista' jimplika, f'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfatti, li hemm ksur tal-Artikolu 20 [TFUE] jekk, b'konsegwenza tar-rifjut ta' dan id-dritt, iċ-ċittadin Spanjol jkun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu?

2) Fi kwalunkwe każ, indipendentement mis-suespost u mir-risposta għad-domanda preċedenti, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fosthom, *inter alia*, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, C-82/16, KA *et* vs Belgische Staat, l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi l-prassi tal-Istat Spanjol li tikkonsisti fl-applikazzjoni awtomatika tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Real Decreto 240/2007, billi tirrifjuta l-permess ta' residenza lil membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu, sempliċiment peress li ċ-ċittadin tal-Unjoni ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu, mingħajr ma twettaq eżami konkret u individwali tal-kwistjoni dwar jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' natura tali li, għal xi raġuni tkun xi tkun u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, twassal sabiex f'każ ta' rifjut tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkunx jista' jissepara ruħu mill-membru tal-familja li huwa jiddependi fuqu u jkun obbligat li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni?"

41 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' April 2020, il-Kawżi C-451/19 u C-532/19 ġew magħquda għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda fil-Kawżi C-451/19 u C-532/19

42 Permezz tat-tieni domanda tagħha, f'kull waħda mill-Kawżi C-451/19 u C-532/19, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jiċħad applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata mill-konjuġi, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, għas-sempliċi raġuni li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkollux riżorsi suffiċjenti għalih u għall-konjuġi tiegħu sabiex ma jsirx ta' piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali nazzjonali, mingħajr ma jkun ġie eżaminat jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu li tkun tali li, f'każ ta' rifjut tal-għoti ta' permess ta' residenza derivata lil dan tal-aħħar, l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun imġiegħel li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu u b'hekk ikun imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilu mill-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni.

43 Fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li d-dritt tal-Unjoni ma japplikax, bħala prinċipju, għal applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż terz ma' membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' Stat Membru li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, u li għalhekk dan ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha tali riunifikazzjoni tal-familja hija suġġetta għal kundizzjoni ta' riżorsi suffiċjenti bħal dik deskritta fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza [sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni)), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 33).

44 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, fit-tieni lok, li l-impożizzjoni sistematika, mingħajr ebda eċċezzjoni, ta' tali kundizzjoni tista' tikser id-dritt ta' residenza dderivat li għandu jiġi rrikonoxxut, f'sitwazzjonijiet partikolari ħafna, skont l-Artikolu 20 TFUE, liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni)), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 34).

45 Jeżistu fil-fatt sitwazzjonijiet partikolari ħafna li fihom, minkejja l-fatt li d-dritt sekondarju dwar id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkunx applikabbli u li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ma jkunx għamel użu mil-libertà ta' moviment tiegħu, dritt ta' residenza għandu madankollu jingħata lil ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' dan iċ-ċittadin, taħt piena li jiġi ppreġudikat l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jekk, bħala konsegwenza tar-rifjut ta' tali dritt, l-imsemmi ċittadin jiġi mġiegħel, fil-fatt, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu, u b'hekk jiġi mċaħħad mit-tgawdija effettiva tad-drittijiet essenzjali mogħtija bl-istatus tiegħu (sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano, C-34/09, EU:C:2011:124, punti 42 sa 44, u tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 39).

46 Madankollu, ir-rifjut li jingħata dritt ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jista' jikkontesta l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni biss jekk ikun hemm, bejn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, relazzjoni ta' dipendenza li twassal sabiex dan tal-aħħar ikun imġiegħel jakkumpanja liċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni u li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, fl-intier tiegħu (sentenzi tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 52 kif ukoll tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 40).

47 Minn dan isegwi li ċittadin ta' pajjiż terz ma jistax jippretendi l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat, skont l-Artikolu 20 TFUE, ħlief jekk, fin-nuqqas tal-għoti ta' tali dritt ta' residenza, kemm dan tal-aħħar kif ukoll iċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, ikunu mġiegħla jitilqu mit-territorju tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-għoti ta' tali dritt ta' residenza dderivat jista' jiġi previst biss meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, ma jissodisfax il-kundizzjonijiet imposti sabiex jikseb, abbażi ta' dispożizzjonijiet oħra u, b'mod partikolari, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għar-riunifikazzjoni tal-familja, dritt ta' residenza fl-Istat Membru li l-imsemmi ċittadin huwa ċittadin tiegħu (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 41).

48 Madankollu, ladarba jkun ġie kkonstatat li ma jista' jingħata ebda dritt ta' residenza, skont id-dritt nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni dderivat, liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, il-fatt li bejn dan iċ-ċittadin u ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun hemm relazzjoni ta' dipendenza tali li twassal sabiex l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, f'każ li dan il-membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, jintbagħat barra mill-imsemmi territorju, għandu bħala konsegwenza li l-Artikolu 20 TFUE jobbliga, bħala prinċipju, lill-Istat Membru kkonċernat li jirrikonoxxi dritt ta' residenza dderivat lil dan tal-aħħar sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 42).

49 Fit-tielet lok, għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li d-dritt ta' residenza dderivat li jirriżulta mill-Artikolu 20 TFUE ma huwiex assolut u li l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtuh f'ċerti ċirkustanzi partikolari, xorta jibqa' l-fatt li hija ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 20 TFUE ma jippermettix lill-Istati Membri jistabbilixxu eċċezzjoni għad-dritt ta' residenza dderivat li dan l-artikolu jistabbilixxi li huwa marbut mar-rekwiżit li ċ-ċittadin

tal-Unjoni kkonċernat għandu jkollu riżorsi suffiċjenti. Fil-fatt, li ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, jiġi rrifjutat dritt ta' residenza dderivat fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu dan iċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità għar-raġuni biss li dan tal-aħħar ma għandux riżorsi suffiċjenti, minkejja li teżisti, bejn l-imsemmi ċittadin u dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, relazzjoni ta' dipendenza bħal dik deskritta fil-punt 46 ta' din is-sentenza, jikkostitwixxi preġudizzju għat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni li hija sproporzjonata fir-rigward tal-għan imfittex minn tali kundizzjoni ta' riżorsi, jiġifieri l-ħarsien tal-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni)), C-836/18, EU:C:2020:119, punti 44 u 46 sa 48).

50 Minn dan isegwi li, meta tkun teżisti relazzjoni ta' dipendenza, fis-sens tal-punt 46 ta' din is-sentenza, bejn ċittadin tal-Unjoni u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja tiegħu, l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi li Stat Membru jipprevedi eċċezzjoni għad-dritt ta' residenza dderivat li dan l-artikolu jirrikonoxxi lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, għas-sempliċi raġuni li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkollux riżorsi suffiċjenti (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 49).

51 Għalhekk, l-obbligu impost fuq iċ-ċittadin tal-Unjoni li jkollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, huwa ta' natura li jikkompromietti l-effett utli tal-Artikolu 20 TFUE jekk dan iwassal sabiex dan iċ-ċittadin ikollu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, meħud fl-intier tiegħu u sabiex, minħabba l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn l-imsemmi ċittadin u dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, dan tal-aħħar ikun għaldaqstant imġiegħel li jakkumpanjah u, għaldaqstant, li jitlaq, huwa wkoll, mit-territorju tal-Unjoni (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 50).

52 Fl-aħħar lok, għandu jitfakkar, fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-532/19, li l-Artikolu 20 TFUE ma jaffettwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jinvokaw eċċezzjoni għad-dritt ta' residenza dderivat, li tirriżulta minn dan l-artikolu, marbuta maż-żamma tal-ordni pubbliku u mal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 81 u tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 44).

53 Madankollu, rifjut tad-dritt ta' residenza, ibbażat fuq din ir-raġuni, ma jistax ikun ibbażat biss fuq il-preċedenti kriminali tal-persuna kkonċernata. Jista' jirriżulta biss, jekk ikun il-każ, minn evalwazzjoni konkreta taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħhom u, jekk ikun il-każ, tal-aħjar interess tal-wild taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 85 kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 93). B'hekk, jistgħu b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti l-gravità tal-ksur imwettaq u l-grad ta' severità ta' dawn il-kundanni kif ukoll it-terminu bejn id-data tal-għoti tagħhom u d-data li fiha din l-awtorità tiddeċiedi. Meta r-relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u ċittadin tal-Unjoni minuri tirriżulta mill-fatt li tal-ewwel huwa l-ġenitur tat-tieni, hemm lok ukoll li tittieħed inkunsiderazzjoni l-età ta' dan il-wild u l-istat ta' saħħa tiegħu, kif ukoll is-sitwazzjoni familjari u ekonomika tiegħu (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punt 42 u tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 86).

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda f'kull waħda mill-Kawżi C-451/19 u C-532/19, għandha tkun li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jiċħad applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata mill-konjuġi, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, għas-sempliċi raġuni li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkollux riżorsi suffiċjenti għalih u għall-konjuġi tiegħu sabiex ma jsirx ta' piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali nazzjonali, mingħajr ma jkun ġie eżaminat jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu li tkun tali li, f'każ ta' rifjut tal-għoti ta' permess ta' residenza dderivat lil dan tal-aħħar, l-istess ċittadin tal-Unjoni jkun imġiegħel li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu u b'hekk ikun imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilu mill-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni.

Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-532/19

55 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-532/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li teżisti relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li tiġġustifika l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat skont dan l-artikolu, biss minħabba li ċ-ċittadin ta' Stat Membru, maġġorenni u li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, u l-konjuġi tiegħu, maġġorenni u ċittadin ta' pajjiż terz, għandhom jgħixu flimkien, skont l-obbligi li jirriżultaw miż-żwieġ skont id-dritt tal-Istat Membru li ċ-ċittadin tiegħu huwa ċittadin tal-Unjoni u li fih kien ikkuntrattat dan iż-żwieġ.

56 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li b'differenza mill-minuri u, *a fortiori*, jekk dawn huma tfal ta' età żgħira, adult huwa, bħala prinċipju, f'pożizzjoni li jkollu eżistenza indipendenti mill-membri tal-familja tiegħu. Minn dan isegwi li r-rikonoxximent, bejn żewġ adulti, membri tal-istess familja, ta' relazzjoni ta' dipendenza ta' natura li toħloq dritt ta' residenza dderivat skont l-Artikolu 20 TFUE, ma tistax tiġi prevista ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li fihom, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, il-persuna kkonċernata ma tkun tista' bl-ebda mod tiġi sseparata mill-membru tal-familja tagħha li minnu tiddependi (sentenzi tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 65 kif ukoll tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 56).

57 Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li s-sempliċi fatt li jista' jidher mixtieq għal ċittadin ta' Stat Membru, għal raġunijiet ekonomiċi jew sabiex iżomm l-unità tal-familja fit-territorju tal-Unjoni, li membri tal-familja tiegħu, li ma għandhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru, jistgħu jirrisjedu miegħu fit-territorju tal-Unjoni, ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex jitqies li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk tali dritt ma jingħatax (sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci et, C-256/11, EU:C:2011:734, punt 68, kif ukoll tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni)), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 57).

58 Għalhekk, l-eżistenza ta' rabta familjari, kemm jekk tkun ta' natura bijoloġika jew ġuridika bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, ma hijiex biżżejjed sabiex tiġġustifika li jiġi rrikonoxxut, skont l-Artikolu 20 TFUE, dritt ta' residenza dderivat lil dan il-membru tal-familja fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni huwa ċittadin (sentenzi tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 75 kif ukoll tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 58).

59 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li prinċipju tad-dritt internazzjonali, affermat mill-ġdid fl-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jitqies li jikser fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, jipprekludi li Stat Membru jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess id-dritt li jaċċedu għat-territorju tiegħu u li jirrisjedu hemmhekk taħt kwalunkwe titolu (sentenza tal-4 ta' Diċembru 1974, van Duyn, 41/74, EU:C:1974:133, punt 22). Peress li dritt ta' residenza inkundizzjonat huwa għalhekk irrikonoxxut liċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' dan tal-aħħar, Stat Membru ma jistax legalment jimponi fuq wieħed miċ-ċittadini tiegħu li jitlaq mit-territorju tiegħu, sabiex, b'mod partikolari, josserva l-obbligi li jirriżultaw miż-żwieġ tiegħu, mingħajr ma jikser tali prinċipju tad-dritt internazzjonali (sentenza tas-27 ta' Frar 2020 Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni)), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 60).

60 Għalhekk, anki jekk jitqies li, kif issostni l-qorti tar-rinviju fir-rigward tad-dritt Spanjol, ir-regoli ta' Stat Membru dwar iż-żwieġ jimponu fuq iċ-ċittadin ta' dan l-Istat Membru u fuq il-konjuġi tiegħu li jgħixu flimkien, tali obbligu ma jista' qatt, madankollu, iġiegħel legalment lil dan iċ-ċittadin jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, anki jekk il-konjuġi tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, ma jingħatax permess ta' residenza fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar' il fuq, tali obbligu legali impost fuq il-konjuġi li jgħixu flimkien ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jistabbilixxi li teżisti, bejniethom, relazzjoni ta' dipendenza ta' natura tali li timponi, fuq dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, fil-każ li l-konjuġi tiegħu jirritorna barra mit-territorju tal-Unjoni, li jakkumpanjah u, għaldaqstant, li jitlaq, huwa wkoll, mit-territorju tal-Unjoni (sentenza tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni), C-836/18, EU:C:2020:119, punt 61).

61 Fi kwalunkwe każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-obbligu impost fuq il-konjuġi li jgħixu flimkien, li jirriżulta mid-dritt Spanjol, ma huwiex eżekuttiv b'mod ġudizzjarju.

62 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, fit-tieni lok, li mit-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-532/19 jirriżulta wkoll li ċ-ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, huma l-ġenituri ta' ċittadin Spanjol minuri, li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu fi ħdan l-Unjoni.

63 Issa, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li jkollha quddiemha, billi tislet, jekk ikun il-każ, mill-elementi kollha prodotti minn din il-qorti, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tat-22 ta' April 2021, Profi Credit Slovakia, C-485/19, EU:C:2021:313, punti 49 u 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li tiġġustifika l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat lil ċittadin ta' pajjiż terz, tista' teżisti meta dan iċ-ċittadin u l-konjuġi tiegħu, ċittadin ta' Stat Membru li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, huma l-ġenituri ta' minuri, ċittadin tal-istess Stat Membru u li lanqas ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu.

65 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala elementi rilevanti, għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk ir-rifjut li jiġi rrikonoxxut dritt ta' residenza derivat lill-ġenitur, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' wild, ċittadin tal-Unjoni, iwassalx għaċ-ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilu mill-istatus tiegħu billi jorbot lil dan il-wild, fil-prattika, jakkumpanja lill-ġenitur tiegħu u għalhekk sabiex jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, il-kwistjoni tal-kustodja tal-wild kif ukoll dik dwar ir-responsabbiltà legali, finanzjarju jew emozzjonali ta' dan il-wild huwiex jassumi mill-ġenitur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz (sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, CHAVEZ-VILCHEZ ET, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 68 kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 70).

66 B'mod iktar partikolari, sabiex jiġi evalwat ir-riskju li l-wild ikkonċernat, ċittadin tal-Unjoni, jiġi mġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk il-ġenitur tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, jiġi rrifjutat l-għoti ta' dritt ta' residenza derivat fl-Istat Membru kkonċernat, għandu jiġi ddeterminat jekk huwiex dan il-ġenitur li għandu l-kustodja effettiva tal-wild u jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza effettiva bejniethom. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), peress li dan l-artikolu għandu jinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta, li miegħu jikkoinċidi d-dritt għal dan il-wild li jkollu regolarment relazzjonijiet personali u kuntatti diretti maż-żewġ ġenituri tiegħu, kif stabbilit fl-Artikolu 24(3) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Povse, C-211/10 PPU, EU:C:2010:400, punt 64 u tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

67 Il-fatt li l-ġenitur l-ieħor, meta dan ikun ċittadin tal-Unjoni, ikun realment kapaċi li jassumi waħdu r-responsabbiltà ta' kuljum u effettiva tal-wild jikkostitwixxi element rilevanti, iżda li waħdu ma huwiex suffiċjenti sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat li ma teżistix, bejn il-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz u l-wild, relazzjoni ta' dipendenza tali li dan tal-aħħar ikun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Fil-fatt, tali konstatazzjoni għandha tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-aħjar interess tal-wild ikkonċernat, taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-età tiegħu, l-iżvilupp fiżiku u emotiv tiegħu, il-livell tar-relazzjoni affettiva tiegħu kemm mal-ġenitur ċittadin tal-Unjoni kif ukoll mal-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz, kif ukoll ir-riskju li s-separazzjoni minn ma' dan tal-aħħar jista' joħloq għall-bilanċ ta' dan il-wild (sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et*, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 72 kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 72).

68 Għalhekk, il-fatt li l-ġenitur, ċittadin ta' pajjiż terz, ikun jgħix mal-wild minuri, ċittadin tal-Unjoni, huwa wieħed mill-elementi rilevanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejniethom, mingħajr madankollu ma tkun tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja (sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

69 Barra minn hekk, fid-dawl b'mod partikolari ta' dak li ġie rrilevat fil-punti 65 sa 67 ta' din is-sentenza, meta ċ-ċittadin tal-Unjoni minuri jikkoabita b'mod stabbli maż-żewġ ġenituri tiegħu u li, għaldaqstant, il-kustodja ta' dan il-wild kif ukoll ir-responsabbiltà legali, emozzjonali u finanzjarja tiegħu jinqasmu kuljum minn dawn iż-żewġ ġenituri, jista' jiġi preżunt, b'mod konfutabbli, li teżisti relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni minuri u l-ġenitur

tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, irrispettivament mill-fatt li, kif ġie rrilevat fil-punt 59 ta' din is-sentenza, il-ġenitur l-ieħor ta' dan it-tifel għandu, bħala ċittadin ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija stabbilita din il-familja, dritt bla kundizzjoni li jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

70 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-532/19 għandha tkun li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li tiġġustifika l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat skont dan l-artikolu, ma teżistix biss minħabba li ċ-ċittadin ta' Stat Membru, maġġorenni u qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, u l-konjuġi tiegħu, maġġorenni u ċittadin ta' pajjiż terz, huma obbligati jgħixu flimkien, taħt l-obbligi li jirriżultaw miż-żwieġ taħt il-liġi tal-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni huwa ċittadin u li fih ikun ġie kkuntrattat iż-żwieġ u, min-naħa l-oħra, meta ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun minuri, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza, tali li tiġġustifika l-għoti lill-ġenitur ta' dan it-tifel, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' dritt ta' residenza dderivat taħt l-imsemmi artikolu għandha tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-aħjar interess ta' it-tifel, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Meta dan il-ġenitur jikkoabita b'mod stabbli mal-ġenitur l-ieħor, ċittadin tal-Unjoni, ta' dan il-minuri, tali relazzjoni ta' dipendenza hija preżunta b'mod konfutabbli.

Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-451/19

71 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-451/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li relazzjoni ta' dipendenza, tali li tiġġustifika l-għoti ta' dritt derivat ta' residenza, taħt dan. l-artikolu, għall-benefiċċju tal-wild minuri, ċittadin ta' pajjiż terz, tal-konjuġi, huwa stess ċittadin ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu jeżisti meta dak iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu huma meħtieġa li jgħixu flimkien, bis-saħħa tal-obbligi li jirriżultaw miż-żwieġ taħt il-liġi tal-Istat Membru li tiegħu dak iċ-ċittadin tal-Unjoni huwa ċittadin u li fih ikun sar dan iż-żwieġ.

72 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li, minkejja li, wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, XU sar maġġorenni, id-dritt eventwali ta' dan tal-aħħar li jibbenefika minn permess ta' residenza, skont l-Artikolu 20 TFUE, fi kwalunkwe każ għall-perijodu li matulu kien għadu minuri, jista' jkollu konsegwenzi li jmorru lil hinn minn dan l-għoti nnifsu, bħal kumpens minħabba t-telf ta' benefiċċji soċjali, jew, jekk ikun il-każ, id-dritt li jikseb permess ta' residenza ieħor abbażi ta' residenza legali Spanjola fit-territorju Spanjol (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 30). Għaldaqstant, il-fatt li XU llum hija maġġorenni ma jistax ikun rilevanti sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-451/19.

73 Wara li saret din il-preċiżazzjoni, għandu, fl-ewwel lok, jiġi rrilevat li, sa fejn, kif tfakkar fil-punt 47 ta' din is-sentenza, id-dritt ta' residenza dderivat li jista' jingħata lil ċittadin ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 20 TFUE għandu portata sussidjarja, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk XU setax jibbenefika, abbażi ta' dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni, minn dritt ta' residenza fit-territorju Spanjol.

74 Sabiex tingħata risposta utli lil din il-qorti, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, XU huwa l-wild ta' ċittadina ta' pajjiż terz, li għandha permess ta' residenza fit-territorju Spanjol u li, fid-data li fiha t-talba għal permess ta' residenza favur XU ġiet miċħuda, dan tal-aħħar kien minuri.

75 Fid-dawl ta' dawn il-provi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk XU setax jibbenefika, f'din id-data, minn dritt ta' residenza fit-territorju Spanjol skont l-Artikolu 4(1)(ċ) tad-Direttiva 2003/86.

76 Sussegwentement, għandu jiġi enfasizzat li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Spanjol quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi fatt li omm XU żżewġet ċittadin Spanjol u li hija welldet wild ta' nazzjonalità Spanjola ma huwiex ta' natura li jeskludi li dritt ta' residenza seta' kellu jiġi rrikonoxxut lil XU skont id-Direttiva 2003/86.

77 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 100 sa 108 tal-konklużjonijiet tiegħu, filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva jipprevedi li ma japplikax għall-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, jibqa' l-fatt li, meta wieħed iqis l-għan imfittex minn din id-direttiva, li huwa li jippromwovi r-riunifikazzjoni tal-familja, u l-protezzjoni li għandha l-għan li tagħti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-minuri, l-applikazzjoni tal-istess direttiva għall-benefiċċju ta' minuri li huwa ċittadin ta' pajjiż terz ma jistgħux jiġi eskluż biss minħabba li l-ġenitur tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, huwa wkoll il-ġenitur ta' ċittadin tal-Unjoni, imwieled minn unjoni ma' ċittadin ta' Stat Membru (ara, b'analoġija, sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et*, C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 69).

78 Fl-aħħar nett, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm, kif jidher li huwa l-każ hawnhekk, ebda applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, skont id-Direttiva 2003/86, ma ġiet ippreżentata, fl-Istat Membru inkwistjoni, jibqa' possibbli għall-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru, ladarba jkunu aditi b'applikazzjoni intiża sabiex ċittadin ta' pajjiż terz jikseb dritt ta' residenza dderivat, skont l-Artikolu 20 TFUE, li jagħti permess ta' residenza lil dan iċ-ċittadin abbażi ta' din id-direttiva, jekk jidher li l-imsemmi ċittadin jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jibbenefika mid-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja minqux fl-imsemmija direttiva.

79 Fit-tieni lok, fil-każ li XU ma jkollu ebda permess ta' residenza skont dispożizzjoni tad-dritt sekondarju tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 20 TFUE huwiex ta' natura li jippermetti l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat favur dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

80 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif ġie stabbilit fil-punt 70 ta' din is-sentenza, is-sempliċi fatt li, skont id-dritt Spanjol, omm ta' XU u l-konjuġi tagħha huma obbligati jikkoabitaw ma jistax jikkostitwixxi relazzjoni ta' dipendenza bejniethom, fis-sens tal-Artikolu 20 TFUE. Għaldaqstant, tali ċirkustanza lanqas ma tista' tiġġustifika li XU tikseb dritt ta' residenza skont dan l-artikolu.

81 Madankollu, omm XU hija wkoll omm ċittadin tal-Unjoni minuri li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għad hemm lok li jiġi eżaminat, skont l-Artikolu 20 TFUE, jekk, fid-data li fiha t-talba għall-għoti ta' permess ta' residenza lil XU ġiet miċħuda, it-tluq sfurzat ta' dan tal-aħħar kienx ta' natura li jimponi, fil-fatt, fuq ommu li titlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, minħabba r-rabta ta' dipendenza li kienet teżisti bejniethom u, fl-affermattiv, jekk it-tluq tal-omm minn XU kienx obbligat ukoll, effettivament, it-tifel minuri tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, biex iħalli t-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, minħabba r-relazzjoni ta' dipendenza li teżisti bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u ommu.

82 F'din il-perspettiva, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, fid-data meta t-talba għall-għoti ta' permess ta' residenza lil XU ġiet miċħuda, ma huwiex impossibbli li t-tluq sfurzat ta' XU mit-territorju Spanjol ikun ġiegħel, fil-fatt, lil ommu titlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier

tiegħu. Fil-fatt, f'din id-data, XU kien għadu minuri u ommu kellha l-kustodja esklużiva tiegħu, b'mod li ma jistax jiġi eskluż li kienet teżisti, fl-imsemmija data, relazzjoni ta' dipendenza bejn dawn iż-żewġ ċittadini ta' pajjiżi terzi.

83 F'dan ir-rigward, meta, bħal f'dan il-każ, għandu jiġi eżaminat, b'mod eċċezzjonali, jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE, tali evalwazzjoni għandha titwettaq billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, mutatis mutandis, kriterji stabbiliti fil-punti 65 sa 69 ta' din is-sentenza, filwaqt li huwa mifhum, madankollu, li fil-każ fejn huwa l-wild minuri, ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa legalment suġġett għal rifjut ta' permess ta' residenza fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, u li għalhekk jirriskja li jkun legalment kostrett jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, għandu jiġi eżaminat jekk il-ġenitur tiegħu, li joqgħod miegħu f'dan l-Istat Membru, kienx, fil-fatt, imġiegħel jakkumpanjah. B'analoġija għal dak li ġie espost fil-punt 67 ta' din is-sentenza, il-fatt li l-ġenitur l-ieħor tiegħu jista' effettivament jieħu responsabbiltà ta' dan il-minuri, mill-perspettiva legali, finanzjarja u emozzjonali, inkluż fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, jikkostitwixxi, f'dan ir-rigward, element rilevanti, filwaqt li ma huwiex, bħala tali, suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-ġenitur residenti fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru ma huwiex obbligat, fil-fatt, li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni.

84 Fit-tieni lok, jekk jitqies li omm XU kienet imġiegħla, fil-fatt, titlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu, sabiex takkumpanja XU, tali tluq seta' wkoll jobbliga lill-wild minuri tagħha, ċittadin tal-Unjoni, jitlaq minn dan it-territorju. Dan kien ikun il-każ jekk relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin u ommu kellha tiġi kkonstatata, abbażi tal-kriterji mfakkra fil-punti 65 sa 69 ta' din is-sentenza.

85 Għaldaqstant, fid-data meta t-talba għall-għoti ta' permess ta' residenza lil XU ġiet miċħuda, it-tluq forzat ta' dan tal-aħħar mit-territorju Spanjol seta', fil-prattika, iġiegħel mhux biss lil ommu, ċittadina ta' pajjiż terz, iżda wkoll lill-wild l-ieħor tagħha, ċittadin tal-Unjoni, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu. Hija, madankollu, il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika din l-ipoteżi. Jekk din tiġi vverifikata, sabiex jiġi evitat li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni jiġi mċaħħad bit-tluq tiegħu mit-tgawdija tas-sustanza tad-drittijiet li huwa għandu mill-istatus tiegħu, dritt ta' residenza dderivat kellu jiġi rrikonoxxut lill-nofs ħuh, XU, skont l-Artikolu 20 TFUE.

86 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda fil-Kawża C-451/19 għandha tkun li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li tiġġustifika l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat skont dan l-artikolu favur il-wild minuri, ċittadin ta' pajjiż terz, tal-konjuġi, li huwa stess huwa ċittadin ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu meta miż-żwieġ bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu jkun twieled wild, ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita l-libertà tal-moviment tiegħu, u li dan tal-aħħar ikun sfurzat iħalli t-territorju tal-Unjoni, fl-intier tiegħu, jekk il-wild minuri, li hu ċittadin ta' pajjiż terz, ġie mġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Fuq l-ispejjeż

87 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jiċħad applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, imressqa mill-konjuġi, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li ma jkunx eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, għas-sempliċi raġuni li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea ma jkollux, għalih u għall-konjuġi tiegħu, riżorsi suffiċjenti sabiex ma jsirx piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali nazzjonali, mingħajr ma jkun ġie eżaminat jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu li tkun tali li, f'każ ta' rifjut tal-għoti ta' permess ta' residenza dderivat lil dan tal-aħħar, l-istess ċittadin tal-Unjoni jkun imġiegħel li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea fl-intier tiegħu u b'hekk ikun imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilu mill-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni.**

2) **L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li r-relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li tiġġustifika l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat skont dan l-artikolu, ma teżistix biss minħabba li ċ-ċittadin ta' Stat Membru, maġġorenni u qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, u l-konjuġi tiegħu, maġġorenni u ċittadin ta' pajjiż terz, għandhom jgħixu flimkien, skont l-obbligi li jirriżultaw miż-żwieġ skont id-dritt tal-Istat Membru li ċ-ċittadin tal-Unjoni huwa ċittadin tiegħu u, min-naħa l-oħra, li, meta ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun minuri, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza, tali li tiġġustifika l-għoti lill-ġenitur ta' dan it-tifel, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' dritt ta' residenza dderivat taħt l-imsemmi artikolu għandha tkun ibbażata fuq it-teħid in kunsiderazzjoni, fl-aħjar interess ta' it-tifel, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Meta dan il-ġenitur jikkoabita b'mod stabbli mal-ġenitur l-ieħor, ċittadin tal-Unjoni, ta' dan il-minuri, tali relazzjoni ta' dipendenza hija preżunta b'mod konfutabbli.**

3) **L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li tiġġustifika l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat skont dan l-artikolu favur il-wild minuri, ċittadin ta' pajjiż terz, tal-konjuġi, li huwa stess huwa ċittadin ta' pajjiż terz, ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu meta miż-żwieġ bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu jkun twieled wild, ċittadin tal-Unjoni li qatt ma eżerċita l-libertà tal-moviment tiegħu, u li dan tal-aħħar ikun sfurzat iħalli t-territorju tal-Unjoni, fl-intier tiegħu, jekk il-wild minuri, li hu ċittadin ta' pajjiż terz, ġie mġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.**

Firem